## TALBA TAL-ĠUBLEW TA' SANT'ANĠLU
### F'għeluq it-800 sena mill-Martirju

O glorjuż Sant'Anġlu, ħuna u missier tagħna fil-fidi, l-ewwel frott ta' qdusija fl-Ordni Karmelitan li mxejt wara l-Mulej Ġesù b'qalb safja u kuxjenza nadifa, idħol għalina, għall-komunitajiet tagħna, għall-għeżież tagħna, għall-Knisja u għall-ġens tal-bnedmin. Inti li smajt is-sejħa ta' Alla fl-Art Imqaddsa, itlob għalina sabiex inkunu nistgħu nilqgħu is-sejħa li l-Mulej għamel lil kull iweħed u waħda minnha. Inti li ntlaqt fil-Qawwa tal-Ispirtu s-Santu, għinna naraw il-frott ta' kull ġest ta' mħabba li aħna nwettqu b'risq ħutna l-bnedmin. Inti li mxejt fid-deżert fuq il-passi ta' Kristu l-Imgħallem, idħol għalina sabiex nieħdu ħsieb il-ħajja ġewwenija tagħna, ngħarblu ħsibijietna u l-intenzjonijiet moħbija tagħna, sabiex kollox fina jiġi msoffi bl-imħabba li kollox temmen, kollox tittama, kollox iġġerraħ. Inti li terraqt fuq l-art u fuq l-ibħra flimkien ma' ħutek sabex ixxandar l-Evanġelju tal-Ħajja, itlob għalina sabiex il-fidi tagħna tissaħħaħ fl-għotja tagħna nfusna ta' kuljum fl-għażliet li nagħmlu, fl-imġieba tagħna, fir-relazzjonijiet tagħna hekk li jiddi f'kollox id-dawl tal-Evanġelju li jsaħħaħ u jagħti l-ħajja. Inti li ma ħrabtx milli tagħti l-ogħla xhieda għal Kristu quddiem il-ksuħat tal-ħażen, idħol għalina sabiex nitgħallmu inkunu felħana fis-sewwa, hekk li mwaħħlin mas-Salib ta' Kristu Sidna ma nistmerrux nagħtu ħajjitna fl-imħabba lill-bnedmin. Inti li issa msebbaħ fis-Sema, mal-Verġni Mqaddsa Marija, Sultana tal-Qaddisin u ma' Missierna San Elija l-Profeta, itlob għalina lil Alla li jista' kollox, sa ma naslu fil-ferħ ta' dejjem li Kristu ħejja għalina fis-Saltna. Sant' Anġlu ta' Ġerusalemm, ta' Sqallija u Licata, Karmelitan u Martri ta' Kristu, itlob għalina. Hekk ikun.

*Inħeġġuk titlob it-Talba tar-Rużarju u toffrih għall-Vokazzjonijiet Karmelitani*

## Sant' Anġlu ta' Sqallija
## Karmelitan Martri
## Ġublew f'għeluq it-800 Sena mill-Mewt



**Mill-5 ta' Mejju 2020 sal-5 ta' Mejju 2021, b'digriet tal-Papa Franġisku, fil-Knejjes kollha Karmelitani tintrebaħ l-Indulġenza Plenarja minn kull min, bl-intenzjoni li jbiddel ħajtu, jersaq għall-qrar (għal raġunijiet gravi bħall-qagħda tal-COVID-19 isir att ta' ndiema u talb ta' maħfra bil-fehma li wieħed iqerr mal-ewwel okkażjoni possibli) u l-quddiesa u t-tqarbin (fiċ-ċirkustanza preżenti anke minn fuq ix-xandir bit-tqarbina tax-xewqa) u jieqaf fit-talb quddiem ix-xbieha ta' Sant'Anġlu Martri Karmelitan, jistqarr il-Fidi, jitlob għall-Papa. Il-morda jistgħu u dawk li ma jistgħux joħorġu minħabba raġunijiet gravi u validi jistgħu jirċievu l-indulġenza wkoll bl-istess kundizzjonijiet.**

**IL-KREDU TA' l-APPOSTLI**
Jiena nemmen f'Alla l-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art; u f'Ġesú Kristu, Ibnu wieħed Sidna; li kien konċeput mill-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni; bata taħt il-ħaqq ta' Ponzju Pilatu, sallbuh, miet u difnuh; niżel bejn l-imwiet, mat-tielet jum qam minn bejn l-imwiet; tela' fis-smewwiet, qiegħed in-naħa tal-lemin ta' Alla l-Missier, li jista kollox; minn hemm għandu jiġi biex jaħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin. Nemmen fl-Ispirtu s-Santu; il-Knisja Mqaddsa Kattolika, ix-Xirka tal-Qaddisin; il-maħfra tad-dnubiet; il-qawma ta' l-imwiet; il-ħajja ta' dejjem. Amen.

**ATT TAL-INDIEMA** (*bl-intenzjoni li tibdel ħajtek u tqerr meta tista'*)
**Ibda billi taħseb dnubietek fis-skiet, indem minnhom u stmerrhom f'qalbek.**
**Itlob maħfra lil Alla:** Mulejja, Alla tiegħi, Jisgħobbija b'qalbi kollha minn dnubieti ta' ħajti kollha. Jisgħobbija, Mulejja, għall-Ġenna li tlift, għall-infern li rbaħt. Imma fuq kollox jisħobbija għax rgħextek u offendejtek, Kollok tjieba, u ħniena. Inħobbok, Mulejja, inħobbok fuq kollox. Mil-lum 'il quddiem, bil-għajnuna mqaddsa tiegħek, Ma nidnibx qatt u qatt iżjed la mmur fejn dari nidneb. Naħrab ukoll minn dak kollu li dari waqqagħni fid-dnub.

**TQARBINA TAX-XEWQA** (*meta mhux possibbli t-tqarbin*)
Ġesù, jiena nemmen li Inti tinsab tabilħaqq fis-Sagrament tal-Ewkaristija. Irrid inħobbok fuq kollox u fuq kulħadd. Inti taf li nixtieq nirċevik ġewwa fija. Imma ġaladarba bħalissa ma nistax nilqgħek ġewwa fija sagramentalment, nitolbok li tiġi fija spiritwalment. Ejja għandi Ġesù tiegħi, biex jiena niġi għandek. Ħeġġiġni bl-imħabba għalik biex f'ħajti u f'mewti jiena nemmen fik, nitma' fik u nibqa' nħobbok għal dejjem. Ammen.

**TALBA GĦALL-PAPA**
Mulej Ġesù Kristu, Ragħaj tajjeb tal-ġens tal-bnedmin, li afdajt lil Pietru u lis-suċċessuri tiegħu il-missjoni li jsaħħu lill-aħwa fil-fidi u biex idawwluna fis-smiegħ tal-Kelma, hawnhekk mixħutin quddiem ix-xbieha ta' Sant'Anġlu, nitolbuk, fuq l-eżempju tiegħu aħna nuru mħabba ta' wlied lejn il-Papa Missier tagħna magħġuna ma' mħabba kbira lejn il-Knisja hekk li nkunu appostli bħalu fl-Evanġelizzazzjoni tad-dinja. Nitolbuk bl-interċessjoni tiegħu iddawwal lill-Papa Franġisku fil-missjoni tiegħu bħala s-suċċessur ta' Pietru u fil-ħniena kbira tiegħek tħarsu u tfarrġu; ħa tkun ix-xhieda tal-insara afdati f'idejh ta' ħeġġa għalih fil-missjoni tiegħu ta' evanġelizzazjoni ġdida; ħa jkun qawwi fil-fidi, sod fit-tama, u mħeġġeġ fl-imħabba. Inti li tgħix u ssaltan ma' Alla l-Missier u fl-għaqda tal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Hekk ikun.

*Missierna, Sliema, Glorja skont il-fehma tal-Papa*